# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 16** **MARZU, 1966**

**X'SER IKOLLNA F'MARZU**

*1, 2, 4 u 25 ta' Marzu* — Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes. Fis-6.30 p.m. Quddiesa bil-priedka fuq id-Dehra.

*19 ta' Marzu* — Festa ta' San Ġużepp, Għarus tal-Madonna. Festa Kmandata. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata.

*26 ta' Marzu* — Isiru fil-Konkattidral ta' San Ġwann l-ordinazzjonijiet. Nitolbu għal dawk li l-lum ser jiżżejnu bl-unur u l-piż tas-Saċerdozju.

*20 ta' Marzu* — Pellegrinaġġ bil-mixi għas-Santwarju tal-Mellieħa. Għalkemm iebes u diffiċli, dan il-pellegrinaġġ li qiegħed isir għall-ħames darba, qiegħed kull sena jiżdied fin-numru ta' dawk li jieħdu sehem. L-iskop tiegħu huwa li ssir tpattija xierqa u uffiċjali tal-parroċċa tagħna għal dnubietna u għad-dnubiet li jsiru fil-parroċċa tagħna. Agħmlu kuraġġ u taqtgħux qalbkom mit-triq: s'issa kulħadd wasal qawwi u sħiħ. Niltaqgħu fl-4.00 ta' filgħodu fil-Knisja Parrokkjali u wara nitilqu.

*1 ta' April* — Issir il-Purċissjoni tad-Duluri fil-5.30 p.m. Billi l-lum taħbat ukoll l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, nitolbukom biex ma tħallux il-qrar għal-lum, imma taħsbu biex tqerru l-Ħamis.

**L-EŻERĊIZZI FIL-PARROĊĊA TAGĦNA**

*Għan-NISA* — Mit-Tnejn, 7 ta' Marzu sal-Ħadd, 13 ta' Marzu: Fit-3.00 p.m. jibda r-Rużarju u wara priedka minn Dun Karm Agius.

*Għax-XEBBIET* — Mit-Tnejn, 14 ta' Marzu sal-Ħadd, 20 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Dun Alwiġ Micallef.

*Għall-ĠUVINTUR* — Mit-Tnejn, 21 ta' Marzu sal-Ħadd, 27 ta' Marzu. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Patri Feliċjan, O.F.M.Capp.

*Għall-IRĠIEL* — Mit-Tnejn, 28 ta' Marzu sal-Ħadd, 3 ta' April. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Patri Leonardu Mahoney, Karmelitan.

Fil-Knisja tal-Kunċizzjoni jsiru l-Eżerċizzi għal kulħadd. Jibdew it-Tnejn, 27 ta' Marzu, sas-Sibt, 2 ta' April. Fis-6.30 p.m. Quddiesa u wara priedka minn Dun Alwiġ Micallef.

**IL-BULETTINI**

Din is-sena, billi l-parroċċa tagħna għadha bla Kappillan, ma stajniex nibdlu l-bulettini kif kien isir is-soltu. Għalhekk, billi issa ma baqgħax żmien biex jinbidlu, kulħadd jista' jġib miegħu meta jagħmel il-preċett il-bulettin li għandu, u jibdel lilu. Infakkru li l-bulettini li għandkom iridu jkunu ħodor ta' l-irġiel, u roża tan-nisa. Imbagħad erfgħu għal sena oħra l-bulettini li nagħtukom minn fuq l-altar.

Min, għal xi raġuni jew oħra, m'għandux il-bulettini tas-sena l-oħra (Kuluriti) jista' jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali biex nagħtuhomlu.

Il-preċett dis-sena jiftaħ fl-20 ta' Marzu.

DUN ANTON XIBERRAS,
*Vigarju Ekonomu.*

## MINN 75 SENA 'L HAWN — (1)

San Ġiljan sar PARROĊĊA 75 sena ilu. Għalhekk huwa bil-wisq xieraq li din is-sena nagħmlu festi speċjali biex infakkru dan il-"birthday" speċjali. "Leħen il-Parroċċa" sejjer jagħtikom kull xahar xi tagħrif ċkejken dwar il-Kappillani li mexxewha s'issa u dwar ġrajjiet oħra importanti.

Min ikollu xi suġġerimenti x'jagħmel dwar x'jista' jsir biex infakkru din il-ġrajja għal Awissu li ġej, jista' jiktbilna. Dawn ukoll jidħru fil-Folju tagħna.

Għal-lum ngħidulkom biss li qabel ma San Ġiljan sar Parroċċa, għamel żmien Viċi-Parroċċa ta' Birkirkara. Nafu fiż-żgur li b'Ordni ta' l-Arċisqof Gejtanu Pace Forno, ta' l-14 ta' Diċembru ta' l-1858, fil-Knisja tagħna ġie mwaqqaf il-Fonti tal-Magħmudija, u hekk ġara li l-ewwel magħmudija fil-Knisja tagħna saret nhar l-24 ta' Frar, 1859, meta Dun Ġużepp Scerri, D.D., sar ukoll Vigarju. Salvu Micallef żanżan il-Fonti. Missieru u ommu kienu: Kostantinu u Karmela xebba Piscopo. STORICUS.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

15. 1. 66 Joseph Aquilina (baby) ta' 137, Spinola Road.
12. 2. 66 Orazio Mizzi (69 sena) ta' 19, St. Angelo Street.
13. 2. 66 Emmanuel Bartolo (55 sena) ta' 6, Spinola Road.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

30. 1. 66 Anġelo Borg (Mqabba) ma' Carmela Xuereb (S. Ġiljan).
30. 1. 66 Alfred Sammut (Msida) ma 'Emmanuela Sammut (S. Ġiljan).
6. 2. 66 Carmel Micallef (Rabat) ma' Carmela Falzon (S. Ġiljan).
12. 2. 66 Malcolm George Harwood (St. Andrew's Barracks) ma' Dorothy Tanti (S. Ġiljan).
20. 2. 66 Emmanuel Camilleri (Australia) ma' Joanna Fenech (S. Ġiljan).
20. 2. 66 Saviour Borg (Sliema) ma' Maria Tanti (S. Ġiljan).

## L-INDULĠENZA TAL-ĠUBLEW

Infakkrukom li skond il-Pastorali ta' Mons. Arċisqof min jattendi għallinqas għal tliet priedki ta' l-eżerċizzi jkun jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja straordinarja tal-Ġublew. 'Il quddiem aħna biħsiebna norganizzaw Kors ta' konferenzi fuq il-Konċilju u anki Pellegrinaġġ biex nirbħu din l-Indulġenza. Pero' tkun ħaġa tajba li dis-sena ħadd ma jfallihom l-eżerċizzi. Jiġu darba fis-sena biss, u xieraq li napprofittaw irwieħna kemm nistgħu minnhom.

## IS-SAWM FIR-RANDAN

Skond il-Pastorali ta' Mons. Arċisqof matul ir-Randan għandna nsumu l-Erbgħa, Ras ir-Randan, u l-Ġimgħa l-Kbira. Fil-Kwattru Tempi tar-Randan m'hemmx obbligu tas-sawm u jiswa wkoll il-laħam. Dan ta' l-aħħar jgħodd ukoll għall-Kwattru Tempi l-oħra ta' ma' tul is-sena. Ngħarrfu wkoll li l-Astinenza flok minn 7 snin 'il fuq tibda tobbliga minn 14-il sena 'l fuq.

---

**UŻAW IS-SALA TAT-TIĠIJIET**

**ST. JULIAN'S HALL**

**u ħajjru lil ħbiebkom jagħmlu bħalkom.**

**Prezzijiet moderati — kondizzjonijiet mill-aħjar.**

**TKUNU WKOLL QEGHDIN TGHINU L-PARROĊĊA**

**Ċemplu: lill-Kappillan — 30270**

**jew lis-Sur Pawl Galea — 32805**

"Empire Press,"